C/2026/3904

20.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12362 – FEDEX / ADVENT / A&R / INPOST)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3904)

1. Fl-10 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— FedEx Corporation ("FedEx", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— IS Iris Financial Investor S.à r.l. ("IS Iris", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn Advent International, L.P. ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— A&R Investments Limited ("A & R", Malta), ikkontrollata minn Life & Science Foundation (il-Liechtenstein),

— InPost S.A. ("InPost", il-Lussemburgu).

FedEx, Advent u A&R se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' InPost kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— FedEx tipprovdi lill-klijenti b'portafoll wiesa' ta' servizzi tat-trasport, tal-kummerċ elettroniku u tan-negozju, inkluż servizzi domestiċi u internazzjonali ta' konsenja ta' pakketti żgħar globalment u madwar iż-ŻEE.

— IS Iris hija kumpanija azzjonarja finanzjarja kkontrollata minn Advent. Advent takkwista ishma ta' ekwità u timmaniġġja fondi ta' investiment f'diversi setturi, inklużi l-kura tas-saħħa, l-industrija, it-teknoloġija, il-konsumatur, u s-servizzi tan-negozju u finanzjarji globalment u madwar iż-ŻEE.

— A&R hija involuta f'attivitajiet ta' investiment permezz ta' portafoll globali diversifikat, inkluż il-loġistika, l-awtomatizzazzjoni tal-loġistika, il-kummerċ elettroniku, is-soluzzjonijiet analitiċi, l-awtomatizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni u s-setturi tal-innovazzjoni ekoloġika, b'enfasi fuq l-EEA.

— InPost tipprovdi servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar, b'enfasi fuq il-konsenja minn negozju għal konsumatur barra mid-dar permezz ta' network ta' magni awtomatizzati tal-pakketti u punti ta' ġbir/depożitar, kif ukoll servizzi ta' konsenja ta' pakketti fid-dar, fl-Awstrija, fil-Belġju, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fil-Polonja, fil-Portugall, fi Spanja u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12362 — FEDEX / ADVENT / A&R / INPOST

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË